VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,946, 21 ta' Ottubru, 2022
Taqsima B

A.L. 264 tal-2022

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorita għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u Marki tal-Karreġġata u dawn ir-Regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u Marki tal-Karreġġata, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.05.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subparagrafu (f) ta' paragrafu D ("Projbitorji - Għemil") tat-Taqsima II ("Sinjali Regolatorji") tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(g) Dan is-sinjal Nru. (21), li għandu jitwaħħal biswit stazzjonijiet għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi, jindika illi bejn is-7.00am u l-10.00pm jistgħu jipparkjaw biss fuqhom vetturi elettriċi sabiex jiġu ċċarġjati, u dan sa massimu ta' 30 minuta minn meta l-vettura tkun ġiet hekk iċċarġjata kompletament, filwaqt li fil-ħinijiet l-oħra tista' tipparkja fuqhom kull vettura elettrika mingħajr restrizzjonijiet:

Iżda, għall-finijiet ta' dan il-provvediment, it-terminu "vettura elettrika" tfisser vettura ta' Kategorija M1 jew N1 illi tieħu l-enerġija tagħha biss u esklussivament minn mutur elettriku, jew iżjed, li l-batteriji tiegħu jiġu ċċarġjati minn sors t'enerġija esterna, li tinkludi vetturi ibridi *Plugin* iżda ma tinkludix muturi elettriċi".

B 1996

(21)


E-CAR
CHARGING
MAX. 30 MINS BETWEEN
7.00am - 10.00pm
AFTER CHARGING
UNRESTRICTED CHARGING REMAINING HOURS

".